MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2007

Appell Civili Numru. 62/2002/1

**Rausi Insurance Agency Limited**

**v.**

**Charles sive Carmel u Rose Mary konjugi Galea**

**Il-Qorti:**

## Preliminari

**1.** Permezz ta’ citazzjoni pprezentata fl-1 ta’ Lulju 2002 fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, is-socjeta` attrici ppremettiet li:

**1. l-konvenut huwa debitur tas-socjeta` attrici ghas-somma ta' hamest elef mija u sebgha u ghoxrin lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm5,127.87) rapprezentati bilanc ta' premia dovuti minnu sax-xahar ta' April 2002, kif minnu stess rrikonoxxut, tant illi fis-27 ta' April 2002 huwa hareg *cheque* tal-HSBC Bank Malta plc numru 000039 ghall-Lm5,127.87, liema cheque ma setax jissarraf minhabba illi l-konvenut ma kellux fondi fil-kont bankarju tieghu, peress illi l-konvenut *ex admissis*, irtira l-fondi fil-kont bankarju tieghu u ghalhekk ic-cheque gie "referred to drawer"; u**
**2. illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni tas-socjeta` attrici l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza ai termini ta' l-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili;**

L-imsemmija socjeta` talbet ghalhekk lil dik il-Qorti sabiex:

**1. taqta' u tiddeciedi l-kawza ai termini ta' l-Artiklu 167 tal-Kodici tal-Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza; u**
**2. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' hamest elef mija u sebgha u ghoxrin lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm5,127.87) dovuta lilha – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.**

B' rizerva ta' kwalsiasi azzjoni ohra u bl-imghax legali kalkolabbli mis-27 ta' April 2002 u bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat konteswalment mac-citazzjoni l-konvenuti, ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

**2.** Il-konvenuti eccepew (ara n-nota taghhom tal- 11 ta' Settembru 2002):

**1. illi m'huwiex minnu dak li hemm allegat fic-citazzjoni illi l-konvenuti rrikonoxxew rwiehom li huma debituri fis-somma indikata fic-citazzjoni. Ic-**

**cheque gie rilaxxjat bil-kundizzjoni espressa li l-konvenuti jivverifikaw il-poloz u jassiguraw rwiehom li ma kien hemm l-ebda irregolarita`, liema rregolarita` rrizultat wara li l-konvenuti vverifikaw it-transazzjonijiet kollha li kienu saru bejnhom u bejn is-socjeta` attrici;**

**2. illi ghalhekk jehtieg li l-istess socjeta` attrici l-ewwel taghti rendikont shih u dettaljat ta' l-ammont kollhu minnha pretiz peress illi hemm diskrepanza serja bejn il-poloz ta' l-assikurazzjoni mahruga u dak li kien realment dovut u ghaldaqstant anke f'dan ir-rigward ic-citazzjoni odjerna hija intempestiva;**

**3. illi fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub gie depositat fir-Registru ta' l-Onorabbli Qorti (tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, liema ammont seta' liberament jigi rilaxxjat lis-socjeta` attrici bil-kundizzjoni pero` li s-socjeta` attrici taghti rendikont shih u dettaljat tat-transazzjonijiet li saru u tal-poloz li hargu u li ma thallsux, rendikont li sa llum, l-istess socjeta` ghadha ma tatx lill-konvenuti, li ghalhekk m' ghandhomx ibatu l-ebda spejjez ta' dina l-kawza.**

**3.** Permezz tas-sentenza moghtija fit-23 ta' Marzu 2004 l-ewwel Qorti laqghet it-talbiet [recte: it-tieni talba, ghax il-kawza effettivament ma mxietx bil-giljottina ara verbal tal-5 ta' Settembru 2002] attrici u kkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-imsemmija socjeta` l-ammont mitlub ta' Lm5,127.89 flimkien ma' l-imghax dekorribli mis-27 ta' April 2002, u bl-ispejjez tal-kawza kontra taghhom, inkluz dak tal-mandat ta' sekwestru[1], u dan wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi fil-fehma ta' din il-Qorti l-konvenut m'ghandux ragun fl-asserzjonijiet tieghu. Ir-rendikont prezentat mill-atturi kien fic-cirkostanzi prova certa u univoka tal-ammont minnha mitlub. Kien jispetta lill-konvenut li juri liema ammonti ma kienux dovuti u ghalfejn, u/jew, liema minnhom kienu gja thallsu. Il-konvenut dan ma ghamlux. Mghoddi l-kont, li ghall-finijiet tar-relazzjoni ezistenti bejn il-partijiet, kien tali

[1] L-ewwel Qorti ordnat ukoll hekk: "In kwantu ghac-cedola ta' depozitu (ezebita a fol. 131) numru 91/2002 l-atturi huma awtorizzati jisbankaw inkondizjonatament u bla pregudizzju ghall-ammont bilancjali li jibqa' dovut lilhom ai termini ta' din is-sentenza."

li seta’ facilment jigi diskuss u kritikat, il-konvenut flok ghadda ghall-impunjazzjoni tieghu, ghazel li jiddepozita l-ammont fil-Qorti bil-kundizzjoni li “ssir id-debita verifika tal-ammont realment dovut” liema verifika baqa’ ma ghamilhiex lanqas tul l-andament ta’ din il-kawza.

“Illi kien jispetta lill-konvenut, fic-cirkostanzi, li jew jimpunja l-kont jew ghal ta’ l-anqas jipprova f’dawn il-proceduri l-inezattezza tieghu.

“Illi in kwantu ghall-asserzzjonijiet l-ohra tieghu li ghandu jiehu xi ammont konsegwenza ta’ xi arrangament fuq insurance tal-muturi, apparti li ma tirrizultax, f’kull kaz, hija barra l-ambitu tal-kawza, jekk xejn, ghaliex mhux ammont cert, likwidu u dovut u l-ebda kompensazzjoni ma hi applikabbli.”

**L-appell**

**4.** Permezz ta’ rikors tal-appell pprezentat fit-12 ta’ April, 2004, il-konjugi Galea appellaw mill-imsemmija sentenza. Huma ressqu s-segwenti aggravji:

1. L-ewwel agravju tal-appellanti huwa dwar il-kap tal-ispejjez. Skond huma l-ewwel Qorti ma kellhiex tilqa’ it-tieni talba tas-socjeta` appellanti u tikkundannahom ihallsu l-imghax legali mis-27 ta’ April 2002 u l-ispejjez tal-kawza inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment mac-citazzjoni, u dana stante li, skond huma, is-socjeta’ appellata kienet taf sa minn xahrejn qabel ma intavolat il-kawza li kien hemm il-flus depozitati l-Qorti u ghalhekk il-mandati ta’ sekwestru u ta’ qbid saru vessatorjament. L-istess haga bazikament jillanjaw dwar ic-citazzjoni, ghax skond huma kullma kellha taghmel is-socjeta` appellata huwa li taghmel rikors ghal zbank u se mai, kemm-il darba huma ma jaghtux l-awtorizzazzjoni, kellha s-socjeta` appellata tintavola l-kawza. Setghet ukoll tipprezenta prospett tal-ammont dovut. Fil-fatt l-ebda wahda minn dawn ma saret tant li l-ewwel rendikont dettaljat li s-socjeta` appellata tat lill-konvenuti huwa fl-atti tal-kawza;

2. It-tieni aggravju tal-appellanti huwa dwar il-fatti. Huma jikkontendu li l-ewwel Qorti naqset milli tiehu in konsiderazzjoni dak li huma allegaw u ppruvaw, u cioe` li kien hemm diskrepanza bejn il-poloz tal-assikurazzjonijiet mahruga u dak li kien realment dovut. Difatti huma jsostnu li l-ewwel Qorti injorat kompletament x-xhieda tal-konvenut appellat dwar id-diskrepanza f'certu ammonti dovuti;

3. It-tielet aggravju huwa, fi kliem l-istess appellanti, dwar l-intempestivita` tac-citazzjoni intavolata mis-socjeta` appellata stante li kieku baghtet rendikont tal-ammont dovut u kieku ghamlet rikors ghal zbank sabiex jigu rilaxxati favur taghha l-flus depozitati, ma kienx ikun hemm lok ghal din il-kawza. Mhux argument validu, huma jsostnu, dak tas-socjeta` appellata fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha li dan l-izbank ma setax isir ghaliex meta tnaqqas l-ispejjes tal-Qorti u zzid l-interessi, l-bilanc huwa anqas minn dak dovut.

**<u>Kwadru tal-fatti</u>**

**5.** Minn ezami tal-atti, jirrizulta s-sekwenti kwadru tal-fatti:

1. Il-konvenut Charles Galea kien sub-agent tas-socjeta` attrici, agenta tal-assikurazzjoni, u kien jagixxi ghan-nom taghha fit-territorju ta' Ghawdex.

2. Huwa kien ilu hekk jagixxi bhala sub-agent tas-socjeta` attrici ghall-perjodu ta' circa sentejn minn April 2000.

3. Is-sistema adoperata tidher li kienet li l-konvenut kien jinghata mis-socjeta` attrici certifikati tal-assikurazzjoni in bjank u hu kien jimlihom mal-klijenti u jghaddihom lis-socjeta` attrici fejn kienu jigu registrati fil-kompjuter u l-konvenut min-naha tieghu kien izomm notamenti taghhom fuq pitazz.

4. F'xi zmien inqala' intopp billi kien hemm xi certifikati minn dawk precedentement moghtija in bjank li kienu

‘unaccounted for’ fis-sens li ma kienux gew rintraccati. Fil-bidu ssemma’ li dawn kienu jammontaw ghal-35 certifikat imma wara tfittxija mill-partijiet finalment irrizulta li dawn kienu fin-numru ta’ 4 peress illi l-kumplament instabu kemm fil-pussess tas-socjeta` attrici, kemm fil-pussess tal-konvenut, u ohrajn gew irkuprati mill-klijenti taghhom.

5. F’laqgha li saret bejn il-partijiet, is-socjeta` attrici talbet lill-konvenut sabiex jhallasha l-ammont ta’ Lm5,127.87 rapprezentanti l-*premia* rimanenti li skond huma l-konvenut kien gabar ghan-nom taghhom. Il-konvenut kien ghamel dan il-hlas permezz ta’ *cheque* numru 000039 bil-kundizzjoni li f’kaz li javveraw ruhhom xi irregolaritajiet jirtira l-hlas minnu maghmul. Sussegwentement il-konvenut irtira l-fondi mill-kont bankarju li minnhu kellom jigu sbankati l-flus mghoddija minnu peress illi hu allega li kien hemm inezattezzi fil-kont prezentat mis-socjeta` attrici.

6. Sussegwentement, fuq parir ta’ l-avukat tieghu, il-konvenut ipprezenta lis-socjeta` attrici *cheque* fl-ammont ta’ Lm3500 liema hlas ma kienx accettat mis-socjeta` attrici.

7. Wara dan, il-konvenut iddepozita permezz ta’ cedola numru 91/2002 l-ammont ta’ Lm5127.87 il-Qorti, li minnhom kienu mnaqqsa Lm160.56 raprezentanti l-ispejjez tac-cedola, ghas-saldu ta’ pretensjoni tas-socjeta` attrici. L-isbank ta’ din ic-cedola kien suggett ghad-debita verifika mill-konvenut tal-ammont realment dovut.

8. Minflok sar rikors ghall-izbank tac-cedola depozitata mill-konvenut, is-socjeta` attrici prezentat citazzjoni kif hawn fuq indikata flimkien mal-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru.

9. Fil-kors tas-smigh tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, is-socjeta` attrici prezentat rendikont (Dok. KM1, fol. 16-18) li kien jirraprezenta l-ammont tal-*premia* ta’ kull assikurat, imsemmi fl-istess dokument, li s-socjeta` attrici kienet accettat li tohrog favur tieghu polza ta’ assikurazzjoni u li l-

gbir tal-*premium* relattiv kien fost ir-responsabbiltajiet tal-konvenut, li kellu jigbru u jghaddih lis-socjeta` attrici; dan ir-rendikont jirrispekja l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

**6.** L-ewwel aggravju li ghandu jigi trattat huwa t-tieni aggravju li jikkoncerna, fi kliem l-appellanti, in-nuqqas ta' apprezzament korrett da parti tal-Qorti ta' prim istanza tal-provi mressqa mill-appellanti, u dan ghaliex jekk jigi milqugh dan l-aggravju dan neccessarjament jincidi fuq l-aggravji l-ohra.

**7.** L-appellanti qeghdin jilmentaw li l-ewwel Qorti m'ghamlitx id-debita konsiderazzjoni, ossia apprezzament, tal-fatti kif provati minnhom fl-andament tal-kawza. Minn qari tas-sentenza jirrizulta li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament tal-provi li tressqu mill-appellanti. Tant hu hekk li fis-sentenza moghtija minnha hemm elenkat, ankorke` brevement, l-fatti kif mressqa mill-istess appellanti; u wara li apprezzat dawk il-provi, hija waslet ghall-konkluzjoni illi dawn ma ammontawx ghal prova cara u konkreta, kif trid il-ligi, sabiex titfa' dubbju fuq il-pretensjonijiet tas-socjeta` appellata, allura attrici.

**8.** Issa, huwa maghruf li bhala regola qorti ta' appell m'ghandix tiddisturba l-apprezzament li tkun ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi prodotti quddiemha u tal-portata taghhom jekk mhux ghal ragunijiet gravi (ara ***Giuseppe Buttigieg v. Nicola Aquilina***, Qorti ta' l-Appell (Inferjuri), 11.09.39; ***Beatrice Manche ne v. Maria Montebello***, Qorti ta' l-Appell, 13.02.1953; ***Elena Magri et v. Rosaria Borg***, Qorti ta' l-Appell, 10.02.1961). Fi kwalunkwe kaz, din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha u ghamlet l-apprezzament taghha, xorta wahda ma tistax tasal ghal konkluzjoni divergenti minn dik maghmula mill-Qorti ta' prim istanza u dan ghar-ragunijiet li jsegwu.

**9.** Hu principju ben stabbilit li, konformement ma' dak li jghid l-Artikolu 562 tal-Kap. 12[2], *"mentri jinkombi fuq l-attur*

---

[2] "**562**: Bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah."

*il-piz tal-prova in sostenn tad-dritt azzjonat minnu (actor incumbit probatio) hekk ukoll jinkombi fuq il-konvenut li jsostni l-eccezzjoni sollevata biex tikkuntrasta il-pretiza ta' l-avversarju (reus in excipiendo fit actor)"* (***Ignatius Busuttil v. Water Services Corporation***, Qorti ta' l-Appell (Inferjuri), 12.01.2005). Issa jidher car li l-oneru tal-prova li kellha s-socjeta` appellanti li tipprova t-talba taghha twettaq sew. F'dan is-sens is-socjeta` appellanti pprezentat rendikont dettaljat ta' l-ammont pretiz minnha[3] liema rendikont kien korroborat bix-xhieda taz-zewg diretturi tas-socjeta` appellanti, cioe` Joevin Rausi[4] u Nigel Rausi[5]. Stabbilit dan kien jinkombi issa fuq l-appellanti li permezz ta' provi cari jikkontrastaw il-pretensjonijiet attrici. Kif drabi ohra spjegat *"l-piz probatorju tal-konvenut in sostenn tal-eccezzjonijiet tieghu tinsorgi fih una volta l-attur minn naha tieghu ikun gab prova ta' fatt jew fatti li jsostnu l-bazi tat-talba tieghu"* (***Mario Mifsud v. Carmelo Mifsud***, Qorti ta' l-Appell (Inferjuri), 12.11.2003). L-appellanti, fir-risposta taghhom ghat-talbiet tas-socjeta` appellanti, qeghdin jikkontendu li r-rendikont prezentat mis-socjeta` appellanti huwa suggett ghal numru ta' irregolaritajiet. Jirritjenu li r-rendikont possibilment jinkludi hlas ta' certifikati 'unaccounted', liema hlas seta' diga` sar u li dan l-istess rendikont jinkludi *premia* koncernanti l-assikurazzjoni ta' muturi oghla milli kien mifhtiem bejn is-socjeta` u l-appellanti. Fil-kaz ta' din l-ahhar suppozizzjoni l-appellant, fix-xhieda tieghu, jaghmel referenza ghal zewg invoices li juru diskrepanza bejn dak mitlub u dak miftihem bejn il-partijiet, madankollu jonqos milli jikkonvinci li dawn l-invoices huma komprizi f'dan ir-redikont kif prezentat mis-socjeta` appellata. Hemm jaghmel referenza ghal numru ta' okkorrenzi fosthom ghal incident li sehh ma' impjegata tas-socjeta` appellata kif ukoll ghal ittra prezentata lilu minn Jovin Rausi[6], liema fatti filwaqt li jirrispekjaw ic-cirkostanzi li setghu wasslu ghat-thassir tar-relazzjoni stabbilita bejn il-partijiet, huma ghal kollox irrilevanti ghal kaz odjern u bl-ebda mod ma jixhtu dubju ragonevoli fuq il-pretensjonijet tas-socjeta` appellata. L-

[3] Fol. 16-18.
[4] Seduti quddiem l-Assistent Gudizzjarju tad-29 ta' Lulju 2003 u 23 ta' Settembru 2003.
[5] Seduta wkoll tat-23 ta' Settembru 2003.
[6] Fol. 105 sa 107.

appellant jiddikjara ukoll li hu ma kienx inghata bizzejjed zmien sabiex jaghmel il-verifiki tieghu tas-somma mitluba. Filwaqt li dan seta' kien minnu fil-bidu tal-kawza, din l-asserzjoni titlef kull sinjifikat probatorju meta wiehed jiehu konjizzjoni taz-zmien ampjament provdut mill-Qorti tal-prim istanza sabiex jaghmel din il-verifika minnu pretiza. Fil-fatt fl-ebda mument l-appellant Galea ma kien kapaci jindividwa b'mod konkret dawn l-irregolaritajiet minnu allegati. Kif kien stabilit f' ***Ignatius Busutill v. Water Services Corporation***, precitata, *"biex tali eccezzjoni tkun kapaci ta' akkoljiment jehtieg li jkollha rabta konkreta u serja mal-provi akkwiziti"*. Mill-apprezament tal-provi prodotti mill-appellant quddiem l-ewwel Qorti jirrizulta kjarament li din ir-rabta ma tezistix. Allegazzjonijiet u semplici supposizzjonijiet ta' fatti ma jissodisfawx l-oneru probatorju mehtieg mill-appellanti in sostenn tad-difiza taghhom. Ghaldaqstant il-Qorti tal-prim istanza ma kelliex triq ohra hlief li taccetta l-verzjoni tal-fatti prezentati mis-socjeta` appellata ghal dak li jirrigwarda l-ezistenza tad-dejn dovut lilha mill-appellant. Ghalhekk dana t-tieni aggravju huwa infondat.

**10.** Fl-ewwel aggravju taghhom il-konvenuti appellati jikkontendu li peress illi huma kienu ddepozitaw permezz ta' cedola l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici, l-istess socjeta` kellha l-ewwel taghmel rikors ghall-izbank ta' dan id-depozitu u semmai, kemm-il darba l-esponenti appellanti ma jaghtux l-awtorizzazzjoni, kellha s-socjeta` appellata tintavola l-kawza. Ghaldaqstant huma jsostnu li din l-azzjoni, abbinata mal-hrug tal-mandat ta' sekwestru, kienet intempestiva b'konsegwenza li huma ma kellhomx jigu kkundannati jhallsu l-ispejjez kemm tac-citazzjoni kif ukoll ghall-hrug ta' mandat ta' sekwestru.

**11.** Essenzjalment il-konsiderazzjoni li ghandha issir hija jekk id-depozitu maghmul mill-appellanti kienx jammonta ghall-pagament favur is-socjeta` appellata, f'liema kaz, is-socjeta` appellata ma kellhiex tipprocedi bl-azzjoni imma minflok kellha titlob l-izbank tad-depozitu. L-artikolu 1173(1) tal-Kodici Civili jipprovdi li *"Jekk l-kreditur ma jkunx irid jiehu l-hlas, id-debitur, jew dak li ghandu jedd ihallas, jista', bi spejjez tal-kreditur, jiddepozita s-somma*

*jew il-haga li ghandha tinghata bil-mod li jinghad fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili"*, cioe` permezz ta' cedola ta' depozitu. F'kaz bhal dan, skond it-tieni (2) subinciz ta' l-artiklu appena citat "*Id-depozitu maghmul skond il-ligi jiswa daqs hlas u l-haga depozitata tibqa' ghar-riskju tal-kreditur*". Fi kliem il-Qorti ta' l-Appell (Inferjuri), fil-kaz fl-ismijiet ***Saviour Mercieca et v. Carmel Galea***, deciza fis-7 ta' Lulju, 2005, *"Minn dan l-ahhar subinciz jitnissel illi depozitu gudizzjarju validament maghmul jiswa daqs pagament"*. Madankollu l-Artikolu 1174 ta' l-istess Kodici jippreciza, kif senjalat fis-sentenza precitata, *"illi tali depozitu m' ghandux l-effetti hawn fuq imsemmija jekk il-kreditur ma jkunx qabel irrifjuta offerta valida. Kif spjegat fis-sentenza riportata a* ***Vol. XLIX P II p.878****, 'biex depozitu gudizzjarju jkun validu jrid jigi precedut minn offerta tas-somma* <u>*kollha*</u> *dovuta, minn rifjut ta' l-istess offerta u minn depozitu a favur tal-kredituri kollha u mhux ta' whud minnhom biss'"*. Dan il-principju jirraffigura ukoll fis-sentenza riportata a **Vol. XXII P. II pg.287**, fejn intqal li *"La validita` del deposito si desume dalla validita` dell' offerta, e l' offerta non e` valida, se non comprende l' intera soma esigibile."* Dan il-principju jemani minn principju iehor rikonnoxxut fl-Artikolu 1156 tal-Kodici Civili, cioe` li l-kreditur mhux marbut li jaccetta l-hlas ta' parti mid-dejn dovut lilu, anke jekk dan ikun divizibbli, kif senjalat fis-sentenza riportata fil-**Vol. XXXVII P.I pg.440**. Issa fil-kaz in dizamina l-konvenut appellant, wara li kien waqqaf l-ewwel hlas permezz ta' zbank tal-fondi mill-kont bankarju, sussegwentement offra lis-socjeta` appellata is-somma ta' Lm3,500. Huwa ovvju li din l-offerta ma tinkwadrax f'wahda mahsuba fil-ligi kif hawn aktar 'l fuq spjegat, bil-konsegwenza li d-depozitu gudizzjarju ma kienx wiehed validu sabiex jkun konsidrat bhala ekwivalenti ghal pagament. *Per di piu`*, l-appellant, gialadarba d-depozitu ma kienx validu, ma setghax jaghmlu a spejjez tas-socjeta` kreditrici kif tindika il-ligi, kif effettivament ghamel.

**12.** Is-socjeta` appellata tirrileva li hija ma setghetx tipprevalixxi ruhha minn dan id-depozitu peress illi dan kien wiehed kondizzjonat, peress illi kien soggett ghad-debita verifika mill-appellanti tal-ammont realment dovut.

F’dan ir-rigward il-Qorti ta’ l-Appell fis-sentenza bl-ismijiet ***Giovanni Spiteri et v. Rev. Dun Giorgio Cefai***, deciza fl-20 ta’ Mejju, 1963, spjegat li *“d-depositu ghandu jkun liberu, u certament ebda kondizzjoni jew riserva ma tista’ ssir li* ***tippregudika lill-kreditur*** *tal-ammont depozitat”*. F’sentenza ohra citata f’dik precedenti il-Prim Awla tal-Qorti Civili irriteniet li *“Atteso che l’offerta del pagamento, per essere valida, deve essere libera ed incondizionata; al debitore, cioe`, non e` lecito di opporre alcuna condizione o riserva che non sia connaturale all’ obbligazzjone da essere estinta”* (**Vol. XVII P. II pg. 195**). Issa l-espressjoni “connaturale all’obbligazzjone” ghandha tinftihem li l-kondizzjoni tirrifera ghal xi haga intrinsika fl-obbligazzjoni pretiza, u mhux ghal xi haga estranja ghaliha. F’dan is-sens il-kondizzjoni imposta mill-appellant fic-cedola ta’ depozitu ghal verifika minnu ta’ l-ammont mitlub tammonta ghal wahda estrinsika ghal obbligazzjoni innifisha. Ghaldaqstant, anke f’dan ir-rigward id-depozitu maghmul mill-appellanti ma kienx jammonta ghal wiehed validu kif previst mil-ligi.

**13.** Jinghad ukoll li l-ammont depozitat ma kienx jammonta ghall-ammont kollu pretiz mis-socjeta` appellata u dan kemm ghax l-ammont depozitat ta’ Lm5,127.87 kien jinkludi fih l-ispejjez tac-cedola li kienu jammontaw ghal Lm160 (liema spejjez ma kellhomx jinkombu fuq is-socjeta` appellata kif diga` rajna spjegat), kif ukoll ghax ma kienx jinkludi l-hlas ta’ l-imghaxijiet kummercjali dovut lill-kumpanija appellata. Lanqas ma kien possibbli li s-socjeta` attrici titlob l-izbank tad-depozitu sabiex taghmel tajjeb ghal parti mid-dejn dovut lilha mill-appellant minghajr ma tippregudika serjament l-interessi taghha, peress illi c-cedola kienet tindika li dan l-ammont kien qieghed jgi depozitat ghas-saldu tad-dejn dovut (ara l-kopja ezibita a fol. 131).

**14.** Galadarba li d-depozitu maghmul mill-appellanti [proprjament dana sar biss minn Charles Galea *nomine*] ma kienx wiehed validu u li ghalhekk bl-ebda mod ma jista’ wiehed jippretendi li s-socjeta` appellata kellha taccettah, il-hrug ta’ mandat ta’ sekwestru minn din ta’ l-ahhar kien wiehed ragonevoli u f’waqtu. L-appellanti fl-

aggravju taghhom jikkontendu li l-ewwel Qorti kienet skorrett fil-kundanna taghhom ghall-hlas ta' l-imghax legali mis-27 ta' April 2002. Jinghad espressament fis-subinciz (1) ta' l-Artiklu 1141 tal-Kodici Civili illi *"Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummercjali jew jekk il-ligi tkun tiddisponi li l-imghaxijiet ghandhom jibdew jghaddu 'ipso jure', l-imghaxijiet jghoddu minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita."* Issa huwa ben affermat li atti koncernanti l-assikurazzjoni jammontaw ghall-atti ta' kummerc; u skond l-Artikolu 5(e) jitqisu atti ta' kummerc *"kull operazzjoni li ghandha x'taqsam ma' socjetajiet kummercjali jew ma' l-azzjonijiet taghhom"*, f'liema jinkwadra kjarament il-gbir u l-hlas ta' *premia* ghan-nom ta' socjeta` ta' l-assikurazzjoni. Inghad ukoll li "jinsab ritenut fid-decizjoni riportata a **Vol. XXXVIII P III p642**, fuq l-insenjament tal-gurisprudenza u dottrina taljana, illi *'debitu kummercjali likwidu u ezegwibbli ta' somma ta' flus jipproduci interessi 'di pieno dirrito' "*. Jissokta jigi precizat illi *"il sol fatto che il crdeitore non abbia chiesto gli interessi costituenti per legge un credito liquido, non importa rinuncia ai medesimi."* Dan ghaliex il-kreditur ta' debitu skadut huwa *"di pieno diritto kreditur anke tal-interessi dekorsi mill-gurnata ta' l-iskadenza sa dak tal-pagament"*." (***Vincent Brincat nomine v. Anna Caruana nomine***, Qorti ta' l-Appell (Inferjuri), 23.06.2004). Jirrizulta mir-rendikont provdut mis-socjeta` appellata li l-ammont kien safa dovut fis-27 ta' April 2002, kontra liema ma ngiebet l-ebda prova mill-appellanti u ghalhekk huwa dezumibbli li din l-asserzjoni hija wahda veritiera. Maghmula dawn l-osservazzjonijiet jirrizulta li anki dan l-aggravju tal-appellanti huwa wiehed infondat.

**15.** Jonqos biss li tigi ezaminata l-lanjanza sollevata mill-appellanti fit-tielet aggravju u cioe` li l-ewwel rendikont dettaljat li s-socjeta` appellata tat lill-appellanti huwa fl-atti tal-kawza, u li kieku kien inghatalhom qabel setghet tigi skansata n-necessita` ta' dawn il-proceduri, u ghaldaqstant minhabba dan in-nuqqas da parti tas-socjeta` attrici l-appellanti m'ghandhomx jsofru l-ispejjez tal-kawza. A propositu ta' dana l-aggravju din il-Qorti tosserva li din l-asserzjoni hija kontradetta mis-socjeta` appellata fir-risposta taghha ghal dan l-appell fejn hi

tiddikjara li l-ammont rikjest minnha kien gie stabbilit wara ezami akkurat tad-dokumenti rilevanti da parti taz-zewg partijiet. Madankollu anki jekk wiehed ghandu joqghod fuq il-verzjoni moghtija mill-appellant, fi kliem iehor, illi r-rendikont dettaljat gie prezentat lilu ghall-ewwel darba fl-atti tal-kawza, huwa xorta kellu jkun kapaci jaghmel id-debita verifika tal-pretensjonijiet tas-socjeta` appellata ghab-bazi tal-prime note u l-gurnal li legalment huwa obbligat li jzomm waqt l-isvolgiment ta' l-attivita` kummercjali tieghu. Filwaqt illi t-tardezza, jekk tista' tissejjah hekk, min-naha tas-socjeta` appellata sabiex tipproduci dan ir-rendikont dettaljat tista' tindika mizura ta' traskuragni, dan bl-ebda mod ma kien jezonera lill-appellanti milli jezegwixxu l-obbligi kontrattwali, u cioe` li jhallas il-*premia* minnu migbura f'isem is-socjeta` appellata. Ghalhekk anke dana l-aggravju huwa nfondat.

**<u>Decide</u>**

**16.** Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha. L-ispejjez ta' dana l-appell jibqghu a karigu ta' l-appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------